

# Ktejjeb għall-Istudent minn Jobsplus

Training Design and Quality Assurance Unit
Version 00 Date: 09/01/2023

## Dikjarazzjoni tal-Missjoni

“Il-missjoni tagħna hija li ntejbu l-aċċessibilità għas-suq tax-xogħol permezz ta’ servizzi modernizzati u apposta, waqt li niffaċilitaw il-mobbilità tal-ħaddiema u nippromwovu l-investiment fil-kapital uman.”

# Werrej


Dikjarazzjoni tal-Missjoni ... 1
1. Introduzzjoni ... 4
   1.1 Raġunijiet għala għandek issegwi Kors ma' Jobsplus ... 4
2. Kuntatti Ewlenin ... 4
   2.1 Ċentru ta' Kuntatt ... 5
   2.2 Merħba ... 5
   2.3 Koordinaturi tat-Taħriġ ... 5
   2.4 Training Design and Quality Assurance Unit ... 6
3. Tagħrif dwar il-Programm ta' Tagħlim ... 6
   3.1 Tagħrif dwar il-Korsijiet ... 6
      3.1.1 Korsijiet Żviluppati minn Jobsplus ... 6
      3.1.2 Korsijiet Oħra ... 7
   3.2 Il-Kriterji ta' Eliġibbiltà u l-Applikazzjoni għall-Kors ... 7
4. Il-Komunità ta' Jobsplus ... 8
   4.1 Opportunitajiet Indaqs ... 8
   4.2 Servizz ta' Parir għall-Istudenti ... 8
5. L-implimentazzjoni tal-Programm ... 8
   5.1 Post ... 8
   5.2 Online ... 9
   5.3 Ibridu ... 9
6. L-Impenn tal-Istudent ... 9
   6.1 Regolamenti dwar l-Attendenza & Assenteiżmu ... 10
   6.2 Evalwazzjoni ... 10
      6.2.1 Plaġjariżmu ... 11
      6.2.2 Qerq jew ikkopjar matul l-evalwazzjoni ... 11
   6.3 Drittijiet intellettwali u ta' proprjetà ... 12
7. Il-kondotta tal-Istudent ... 12
   7.1 Mġiba ... 12
      7.1.1 Bullying ... 12
      7.1.2 Fastidju Sesswali ... 12
      7.1.3 Forom oħra ta' fastidju ... 13
   7.2 Kodiċi tal-Ilbies ... 13
   7.3 Ikel, Xorb u Tipjip ... 14

7.4 Iż-Żamma Ġenerali ..... 14
7.5 Telf jew Ħsara lill-Proprjetà ..... 14
7.6 Telefons Ċellulari..... 14
8. Drittijiet tal-Istudenti ..... 15
8.1 Eżami mill-ġdid u Reviżjoni tal-Karta..... 15
8.1.1 Verifika Interna tal-Karti ta' Evalwazzjoni ..... 15
8.2 Ċertifikazzjoni, Il-Progress tal-KIors u l-Iskema disponibbli ..... 15
8.3 Kummenti u Evalwazzjoni ..... 16
8.4 Protezzjoni tad-Data ..... 16
8.5 Ilmenti ..... 16
9. Saħħa u Sigurtà ..... 17
9.1 Nar..... 17
9.2 Pjan ta' Evakwazzjoni ta' Emerġenza ..... 18
9.3 L-Ewwel Għajnuna ..... 18
9.4 Rapportar ta' Aċċident ..... 19
9.5 Makkinarju fil-Postijiet tax-xogħol ..... 19

# 1. Daħla

Jobsplus tixtieq tagħti merħba lill-istudenti kollha u tixtieq lil kulħadd suċċess fil-kors tagħhom.

Dan il-ktejjeb tfassal biex jintuża bħala gwida ta' tagħrif għall-istudenti kollha matul l-istudji tagħhom. Huwa jinkludi d-drittijiet u r-responsabbiltajiet ta' dawk kollha li qed isegwu kors ta' Jobsplus.

Waqt li Jobsplus twiegħed li tagħmel kull sforz sabiex toffri lill-istudenti esperjenza ta' tagħlim pożittiva, l-attitudni, l-imġiba u l-impenn pożittiv ta' kull student għandhom rwol importanti fil-kisba tal-massimu mill-programmi tagħna.

L-istudenti huma mfakkra li d-drittijiet u l-obbligi imniżżla f'dan id-dokument huma maħsuba biex jevitaw sitwazzjonijiet mhux sollecitati li jirriżultaw liJobsplus titlob lill-Istudent rispettiv biex ma jkomplix jattendi l-kors.

Jobsplus tixtieq tfakkar lill-istudenti tagħha li huwa fl-interess tagħhom  u fir-responsabbiltà tagħhom li jfittxu u jiksbu kopja ta' dan id-dokument u jsiru familjari mal-kontenut ta' dan il-ktejjeb.

## 1.1 Raġunijiet għala għandek issegwi Kors ma' Jobsplus

Hemm bosta istituzzjonijiet li joffru korsijiet ta' taħriġ differenti li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-individwu. Madankollu, Jobsplus temmen li hemm numru ta' vantaġġi għala persuna għandha ssegwi wieħed mill-korsijiet tagħna:

- Aktar minn 55% tal-korsijiet tagħna huma akkreditati u iffissati bejn MQF level 1 sa MQF level 4
- Ir-rekwiżiti ta' dħul għal kull kors inżammew baxxi kemm jista' jkun
- Kull kors huwa offrut bla ħlas lill-persuni kollha li jgħixu legalment f'Malta; kemm jekk impjegati jew qegħda, Maltin jew Barranin
- Il-korsijiet huma offruti s-sena kollha, u allura inti ma jkollokx għala tistenna ħafna biex tingħaqad ma' kors ladarba inti tkun applikajt
- L-iskedi tal-kors huma bbażati fuq grupp ta' klijenti individwali. Dan ifisser li kors jista' jkun filgħodu, wara nofsinhar jew filgħaxija, jiddependi mill-ħtiġijiet tal-grupp
- Aktar minn 60% tal-korsijiet bħalissa qed isiru online
- Trasport b'xejn huwa provdut lill-klijenti. Dan it-trasport huwa offrut minn u lejn il-Floriana u Ħal Far

Jekk l-istudenti jixtieqU jużaw it-trasport tagħhom, hemm parkeġġ biżżejjed fis-sit.

# 2. Kuntatti Ewlenin

L-ewwel kuntatti għall-istudenti s-soltu jkunu l-koordinaturi tal-kors, ir-receptionist jew anke ċ-ċentru ta' kuntatt jew l-konsulent dwar l-impjiegi fil-każ ta' persuna qegħda reġistrata.

## 2.1 Ċentru ta' Kuntatt

Iċ-Ċentru ta' Kuntatt jipprovdi tagħrif ġenerali relatat mas-servizzi offruti minn Jobsplus, inkluż, iżda mhux limitat għal, korsijiet u kwalunkwe skema li bħalissa qed ikunu offruti. Apparti dan, iċ-Ċentru ta' Kuntatt jidderieġi lill-klijent lil rappreżentant ta' Jobsplus, li jkun jista' jgħin lill-klijent/a dwar xi diffikultajiet.

Il-numru ta' kuntatt għaċ-Ċentru ta' Kuntatt huwa **153**.

Ir-rappreżentant taċ-ċentru ta' kuntatt jista' jidderieġi lill-klijent lejn il-websajt ta' Jobsplus. Hawnhekk il-klijent jista' jsib it-tagħrif rilevanti kollu dwar kull kors li huwa offrut minn Jobsplus, u anke jsib in-numru ta' kuntatt ta' lil min għandu jċempel ħdejn kull kors individwali. Dan it-tagħrif jista' jinstab fil-ħolqa li ġejja:

https://jobsplus.gov.mt/courses/all-course-list/

## 2.2 Merħba

Ir-reception tinsab hemm sabiex tgħin lill-klijenti dwar kull diffikultà li jista' jkollhom dwar il-korsijiet offruti minn Jobsplus, kif ukoll dwar kwalunkwe diffikultà relatata mal-iskemi. Jekk ikun meħtieġ aktar tagħrif dwar l-iskedi tal-kors jew aktar tagħrif dwar kors partikolari, il-klijent ikun riferut ghal Koordinatur tat-Taħriġ speċifiku, skont il-kors rilevanti. Ir-receptionist tista' wkoll tikkonferma, wara li ssir talba, kwalunkwe appuntament għal kors.

In-numru ta' kuntatt għar-receptionist huwa **22201610**, u l-imejl huwa training.jobsplus@gov.mt.

## 2.3 Koordinaturi tat-Taħriġ

Il-Koordinaturi tat-Taħriġ huma l-persuni ta' kuntatt ewlenin għall-klijenti. Huma jipprovdu tagħrif dwar ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà, tagħrif dwar il-kors bħat-tul tal-kors, proċeduri ta' evalwazzjoni, id-data tal-bidu tal-kors u l-iskedi. Il-Koordinaturi tat-Taħriġ jgħinu lill-klijenti jirreġistraw għal kors u meta jirċievu talba għal applikazzjoni tintbagħat imejl bl-iskeda tal-kors, linji gwida dwar kif jintużaw il-Microsoft Teams u ħolqa għall-Ktejjeb għall-Istudent. Ladarba l-istudenti jikkonfermaw l-attendenza tagħhom tintbagħat imejl oħra bil-formola ta' reġistrazzjoni għall-kors u dokumenti rilevanti oħra kif applikabbli (eż. "Online Assessment Guidelines" dwar kif tuża l-pjattaforma exam.net, applikazzjoni għal-liċenzja). Ladarba jibda l-kors, kull problema li l-istudent jista' jkollu hija normalment riferuta ghal il-koordinaturi tal-kors, li jagħmlu kull sforz biex jgħinu lill-istudenti dwar kwalunkwe mistoqsija jew diffikultà li jista' jkollhom. Matul l-ewwel sessjoni jitqassmu n-noti tal-kors u jingħataw aktar dettalji dwar il-metodi ta' evalwazzjoni u l-marka minima ta' kull kors.

Lista sħiħa tal-korsijiet, kif ukoll in-numru ta' kuntatt tal-Koordinatur tat-Taħriġ responsabbli għal dak il-kors tista' tinstab hawnhekk:

https://jobsplus.gov.mt/courses/all-course-list

## 2.4 Training Design and Quality Assurance Unit

It-Training Design and Quality Assurance Unit (TDQA) hija responsabbli għat-tfassil tal-korsijiet u biex tassigura li jkunu sodisfatti u miżmuma kontinwament l-istandards tat-taħriġ. L-unità TDQA tikkordina mal-Malta Further & Higher Education Authority (MFHEA) bil-għan li l-korsijiet ikunu akkreditati u miżmuma fil-Livelli MQF 1 u 4. Barra minn dan, din l-unità hija responsabbli biex tfassal il-proċedura ta' evalwazzjoni għal kull kors u sabiex tassigura li l-materjal tat-taħriġ kollu huwa skond l-istandard u li jindirizza l-eżiti tat-tagħlim tal-kors/modulu. L-unità TDQA timmonitorja wkoll l-għoti tal-korsijiet biex tassigura li dan isegwi approċċ iċċentrat fuq l-istudent u li jinżammu l-istandards.

L-unità TDQA tista' tkun ikkuntattjata mill-klijenti meta huma jixtiequ japplikaw għal xi kors iżda m'għandhomx ir-rekwiżiti minimi tad-dħul, kif speċifikat fil-ħolqa għall-website pprovduta fuq. F'każi bħal dawn, il-klijenti jistgħu jibagħtu imejl lill-unità TDQA, juru l-kors li għalih jixtiequ japplikaw, u jehmżu s-CV kif ukoll xi kwalifiki rilevanti oħra li jista' jkollhom. L-unità TDQA teżamina dawn l-applikazzjoni u tiddetermina jekk il-klijenti huwiex eliġibbli jew le biex jattendi l-kors.

L-imejl għall-kuntatt huwa: qa.jobsplus@gov.mt.

# 3.Tagħrif dwar il-Programm ta' Tagħlim

## 3.1Tagħrif dwar il-korsijiet

Aktar minn 85% tal-korsijiet ta' Jobsplus huma akkreditati mill-MFHEA u huma miżmuma fil-Livell MQF 1 u 4. Ix-xogħol ta' kull kors huwa definit fl-ECTS, u n-numru ta' sigħat ta' tagħlim għal kull kors jista' jinstab fil-website ta' Jobsplus. Il-korsijiet huma ibbażati fuq l-approċċ ta' eżiti ta' tagħlim, u deskrittur tal-livell ta' kull kors huwa bbażat fuq għarfien, ħiliet u kompetenzi definiti li l-istudent jakkwista wara t-tmiem b'suċċess tal-kors.

Jobsplus għandha żewġ tipi differenti ta' korsijiet: Korsijiet żviluppati minnha stess u korsijiet oħra li għalihom jingħataw ċertifikati minn entitajiet oħra.

### 3.1.1. Korsijiet Żviluppati minn Jobsplus

Dawn il-korsijiet huma żviluppati kollha kemm huma minn Jobsplus u akkreditati mill-MFHEA. Fi t-tmiem ta' korsijiet bħal dawn, l-istudenti jingħataw **Certificate of Achievement**, maħruġ minn Jobsplus. Dawn il-korsijiet huma miżmuma fil-Livell MQF 1 u 4. Il-parti l-kbira tal-korsijiet tagħna jaqgħu taħt din il-kategorija.

Wieħed mill-korsijiet tagħna, il-"**VET Award in Refrigeration and Air-conditioning**" huwa żviluppat kollu kemm minn Jobsplus u akkreditat mal-MFHEA iżda l-istudenti jistgħu japplikaw ukoll għal-Liċenzja Kategorija 3 mal-MCCAA fit-tmiem tal-kors.

### 3.1.2. Korsijiet Oħra

Jobsplus toffri għadd ta' korsijiet oħra li ma ġewx akkreditati mill-MFHEA. Hemm tliet tipi ta' korsijiet f'dan il-każ:

- Korsijiet li huma offruti minn Jobsplus f'isem entità oħra, bħall-ICDL u l-Food Handling, fejn iċ-ċertifikat jinħareġ minn entità bħal din (mhux minn Jobsplus).
- Korsijiet li huma offruti minn Jobsplus, fejn ma ssir ebda evalwazzjoni. Korsijiet bħala dawn jgħinu lill-individwu li joqgħod għal evalwazzjoni minn entità legali, bħal ma huwa l-kors għal **Electrical Domestic Installations License A**.
- Il-korsijiet li huma żviluppati kollha kemm huma minn Jobsplus iżda mhumiex akkreditati mill-MFHEA. Eżempji ta' korsijiet bħal dawn huma **"Sage"**, "**Certificate in Stone Masonry and Brick Laying", "Introduction to Plastering", "Introduction to Metal Machining", "Introduction to Organic Farming" u "Foundation English for Foreigners" eċċ.**

## 3.2. Il-Kriterji ta' Eliġibbiltà u l-Applikazzjoni għall-Kors

Kull kors għandu kriterji ta' eliġibbiltà differenti, li persuna tista' tara jekk tikklikkja fuq il-kors meħtieġ mill-ħolqa t'hawn taħt:

https://jobsplus.gov.mt/courses/all-course-list

Qabel japplikaw għal xi kors, il-klijenti huma mogħtija l-parir li jiċċekkjaw il-kriterji ta' eliġibbiltà, għax ma jitħallewx jattendu għal kors bħal dan jekk ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tad-dħul minimi. Ladarba dan isir, il-klijenti jistgħu japplikaw għall-kors mixtieq. Dan jista' jsir b'diversi modi:

- B'kuntatt mal-koordinatur tat-taħriġ permezz tat-telefon (in-numru huwa pprovdut ħdejn kull kors) jew il-Kumpless ta' Taħriġ fuq 22201610,
- B'imejl fuq training.jobsplus@gov.mt, b'turija ta' liema kors li għalih il-persuna trid tapplika u tehmeż il-CV flimkien ma' dokumentazzjoni u kwalifiki oħra rilevanti,
- B'applikazzjoni għal kors direttament permezz tal-website ta' Jobsplus: https://jobsplus.gov.mt/courses

Huwa importanti li jkun innotat, li għalkemm korsijiet differenti għandhom rekwiżiti ta' eliġibbiltà differenti, il-korsijiet kollha jirrikjedu li l-individwu jkun temm l-iskola obbligatorja u jkollu sa 65 sena.

Ladarba klijent japplika għal kors, il-klijent jirċievi konferma tal-applikazzjoni tiegħu/tagħha u jirċievi wkoll l-iskeda tal-kors fi żmien opportun, li tinforma lill-applikant/a dwar id-dati u l-ħin ta' kull sessjoni.

# 4. Il-Komunità ta' Jobsplus

## 4.1. Opportunitajiet Indaqs

Il-Politika ta' Opportunitajiet Indaqs ta' Jobsplus għandha l-għan li tipprovdi opportunitajiet indaqs lil kulħadd, irrispettivament mill-ġeneru, reliġjon, status maritali, status ta' familja, età, diżabilità, razza jew oriġini etnika, fehmiet politiċi, impożizzjoni ta' opinjonijiet differenti u kapaċità ta' tagħlim bħall-illitteriżmu. Jobsplus tagħti valur lid-diversità u tilqa' lill-klijenti kollha biex jipparteċipaw fil-korsijiet tagħha, kemm-il darba jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dħul minimi tal-kors rispettiv, u kif indikat fl-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ ta' Malta.

Jobsplus jippromwovi kultura inklussiva billi jinkoraġġixxi l-prattika tajba fl-istruzzjoni, fit-tagħlim u l-evalwazzjoni. Barra dan, Jobsplus tipprovdi karti ta' evalwazzjoni ta' xi korsijiet kemm bil-Malti u l-Ingliż u fejn huwa possibbli tagħmel arranġamenti biex takkomoda persuni li huma illitterati jew għandhom xi tip ta' diżabilità. Il-Politika ta' Opportunitajiet Indaqs ta' Jobsplus hija disponibbli f' https://jobsplus.gov.mt/training-opportunities

## 4.2. Servizz ta' Pariri għall-Istudenti

L-istudenti jistgħu jikkuntattjaw lill-Koordinatur tat-Taħriġ tagħhom għal kull mistoqsija jew kwistjoni li tista' tqum matul il-kors. Kull mistoqsija relatata mal-iskedi, it-tul tal-kors, il-proċeduri ta' evalwazzjoni, talba għal eżami supplimentari wara li persuna ma tkunx għaddiet mill-evalwazzjoni u anke rapport dwar kull forma ta' fastidju, għandhom ikunu indirizzati lill-Koordinaturi tal-Kors li jgħinu lill-istudenti f'dak li jkunu jeħtieġu. L-istudenti li jkunu qed jirreġistraw ma' Jobsplus għal impjieg huma wkoll mħeġġa li jżommu aġġornati lill-Konsulent dwar l-Impjieg tagħhom.

# 5. L-Implimentazzjoni tal-Programm

Jobsplus taħdem sabiex toffri l-aħjar servizz possibbli, waqt li taqdi wkoll il-ħtiġijiet tal-istudenti tagħha. Għal din ir-raġuni, Jobsplus toffri l-korsijiet tagħha fi tliet modi differenti:

## 5.1 Post

Il-korsijiet isiru fiċ-ċentru ta' Jobsplus, fil-Kumpless ta' Taħriġ ta' Jobsplus f'Ħal Far. Dan il-post għandu total ta' 16-il klassi, 5 laboratorji tal-kompjuters u 8 *workshops* li jintużaw għal korsijiet varji tas-snajja u tekniċi. Il-korsijiet huma organizzati wkoll f'Għawdex u xi drabi anke fil-post ta' min iħaddem jew fil-kunsilli lokali (eż. Il-Kunsill Lokali tal-Ħamrun), jekk issir talba speċifika u dment li jintlaħaq in-numru minimu ta' studenti.

Għal korsijiet bħal dawn, l-istudenti huma mistennija li jġibu n-noti tal-kors tagħhom għal kull sessjoni, ladarba dawn in-noti jintużaw mit-Trainers matul kull sessjoni.

### 5.2 Online

Għadd ta' korsijiet qed ikunu offruti wkoll online. Għall-korsijiet li jeħtieġu element prattiku, bħall-Ewwel Għajnuna jew xi wieħed mill-korsijiet tas-Snajja jew Tekniċi, l-għażla ta' online mhijiex offruta, għaliex korsijiet bħal dawn jeħtieġu element ta' prattiku li ma jistax isir online. It-Trainer jibgħat ħolqa lill-istudenti kollha, permezz ta' wieħed mill-pjattaformi online (bħal Microsoft Teams, u Google Classroom/Meet), skond l-iskeda tal-kors abbozzata mill-Kooordinatur tat-Taħriġ, li jkun bagħatha qabel lill-istudenti. Għal korsijiet bħal dawn, l-istudenti huma mhegga li idealment ikollhom kompjuter personali (desktop), laptop jew tablet biex b'hekk ikunu kapaċi jsegwu s-sessjoni.

Matul is-sessjoni ta' taħriġ l-istudenti huma mhegga li jżommu l-kameras tagħhom mixgħula, waqt li jisfukaw l-isfond tagħhom. Għal dawn is-sessjonijiet online l-istudenti huma mistennija li jfittxu post li jkun ideali għat-tagħlim u b'distrazzjonijiet minimi.

Fil-bidu tal-kors online l-istudenti jintwerew preżentazzjoni PowerPoint li tagħti ħarsa ġenerali lejn il-kors flimkien mal-linji gwida ġenerali dwar mġieba xierqa tal-istudenti matul is-sessjonijiet, ir-responsabbiltajiet tal-istudenti fir-rigward tal-attendenza u tagħrif rilevanti dwar l-proċeduri ta' evalwazzjoni online.

Għal aktar tagħrif dwar il-proċeduri ta' evalwazzjoni online, l-istudenti jistgħu jirreferu għad-dokument bit-titlu "Online Assessment Guidelines for Trainees" disponibbli f'https://jobsplus.gov.mt/training-opportunities .

### 5.3 Ibridu

Għal studenti li ma għandhomx il-faċilitajiet neċessarji jew jippreferu jsegwu kors tradizzjoni wiċċ'imb wiċċ, il-Jobsplus toffri faċilitajiet għal dawn l-istudenti biex jingħaqdu ma' kors li jkun qed isir online. Permezz ta' dan il-metodu ibridu, b'ħolqa online, isegwu l-kors mid-dar, waqt li oħrajn ikunu preżenti fil-klassi għal sessjoni wiċċ imb'wiċċ. L-istudenti li jridu jibbenefikaw minn din il-flessibbiltà jridu jinformaw lill-Koordinatur tal-kors rispettiv.

## 6. L-impenn tal-Istudenti

L-istudenti huma mhegga li jimpenjaw irwieħhom għal dan li ġej:

- Jipprovdu tagħrif eżatt u rilevanti meta jimlew il-formola ta' reġistrazzjoni għall-kors
- Jieħdu sehem attiv fil-proċess ta' tagħlim u jipparteċipaw fil-klassi kif xieraq
- Jipprovdu reazzjoni meqjusa, onesta u fil-ħin lil Jobsplus u l-istaff tagħha dwar il-kwalità tal-kors, it-tagħlim u s-servizzi ta' Jobsplus
- Jinformaw kmieni kemm huwa possibbli lill-koordinatur tal-kors dwar xi kwistjoni ta' diżabilità u/jew diffikultà ta' tagħlim
- Jiddiskutu kwalunkwe tħassib rigward l-evalwazzjoni li tkun qed issir matul il-kors u l-evalwazzjoni finali kmieni kemm jista' jkunu mat-trainers rilevanti u/jew mal-koordinatur tal-kors

- Jikkonsultaw mat-trainers u mal-koordinatur tal-kors dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw l-iskeda tal-kors u l-attendenza
- Jaċċessaw u jirrispettaw il-politiki, il-proċeduri u r-regolament kollha relatati mal-evalwazzjoni, u fejn huwa meħtieġ, jitolbu kjarifika

## 6.1 Regolamenti dwar l-Attendenza & Assenteiżmu

Hija mistennija attendenza regolari fil-klassi mill-parteċipanti kollha fil-kors. L-Attendenza għall-Kors titniżżel fil-formola tal-attendenza miżmuma mit-Trainer/s u rispettivi u l-Istudenti għandhom jżommu mal-ħinijiet mniżżla. Il-puntwalità fil-klassi tevita kull inkonvenjent żejjed lill-klassi kollha.  Bħala parti mill-politika ta' Jobsplus li timmonitorja l-attendenza tal-Istudenti, kull Trainer huwa mitlub li jimla' s-sezzjoni dwar il-Wasla/Tluq Kmieni.

L-istudenti jridu jassiguraw li l-attendenza tagħhom ma tkunx inqas minn 80% fi kwalunkwe kors (barra l-ICDL u s-SAGE li għalihom l-istudenti huma permessi li jitilfu sa sessjoni waħda biss). Persuna li ma tattendix minimu ta' 80% tal-kors tkun meqjusa li ma komplietx u għalhekk ma tingħatax iċ-Ċertifikat ta' Kisba fi tmiem il-kors.

L-assenza minħabba mard jew appuntament mediċi oħra jifformaw parti mill-20% assenza permessa. Fil-każ ta' studenti li qed jirreġistraw għal impjieg ma' Jobsplus, tkeċċija mill-kors twassal għal qtugħ mir-reġistrar, li jfisser li dawk li qed ifittxu impjieg ikunu mistennija jippreżentaw dokumentazzjoni, matul il-proċess ta' ġustifikazzjoni, li ssostni l-assenza tagħhom. Għal studenti bħal dawn, huwa rakkomandat li jippreżentaw ċertifikat mediku lill-Konsulenti dwar l-Impjieg.

Għal sessjonijiet online, l-istudent li ma jwieġbux matul is-sessjoni kollha jkunu mmarkati bħala assenti anke jekk huma jkunu lloggjati fis-sessjoni.

## 6.2 Evalwazzjoni

Matul il-kors, l-istudenti jkollhom għaddejja evalwazzjoni bħala parti mill-evalwazzjoni formattiva jew finali. Għalkemm mhux l-evalwazzjonijiet ta' matul il-kors kollha jkollhom marki allokati għalihom, xorta waħda huma għodda importanti għall-istudenti u t-trainers biex ikun evalwat jekk l-istudenti humiex jifhmu l-għarfien importanti li jkunu qed jingħataw.

Fi tmiem ta' kull modulu, l-istudenti jkunu meħtieġa li joqgħodu għal evalwazzjoni formali (li tista' tieħu l-forma ta' eżami orali, eżami bil-miktub, xogħol fuq proġett, eżami prattiku, jew preżentazzjoni). It-tip ta' evalwazzjoni tiddependi fuq il-kors/modulu rispettiv. Arranġamenti ta' evalwazzjoni alternattivi jistgħu jkunu pprovduti biex jassistu persuni b'diżabilità jew b'diffikultajiet ta' tagħlim. Għal korsijiet online, Jobsplus tirriżerva id-dritt li tagħmel evalwazzjoni fiżika fil-Kumpless ta' Taħriġ tagħha jew faċilitajiet oħra kif xieraq.

Aktar tagħrif dwar it-tip ta' evalwazzjoni jista' jinstab online billi persuna tikklikkja  fuq il-kors mixtieq mil-lista ta' korsijiet: [https://jobsplus.gov.mt/courses/all-course-list.](https://jobsplus.gov.mt/courses/all-course-list)

Matul l-evalwazzjoni, l-Istudenti mistennija li:

- Ineħħu l-affarijiet personali (inklużi mobiles) u noti tal-kors jew xi materjal tat-taħriġ mill-iskrivanija
- Jitfu kwalunkwe apparat elettroniku
- Iżommu l-kameras mixgħulin (fil-każ ta' evalwazzjoni online)
- Ma jitkellmux lil jew jikkopjaw minn studenti oħra; u
- Ipoġġu bil-qegħda f'distanza adegwata mill-istudenti l-oħra.

### 6.2.1 Plaġjariżmu

Uħud mill-korsijiet fihom Journal Entries bħala parti mill-valutazzjoni regolari, waqt li korsijiet oħra jeħtieġu li l-istudenti jagħmlu preżentazzjoni żgħira jew proġett bħala parti mill-evalwazzjoni finali. F'każi bħal dawn, l-istudenti huma mfakkra li l-plaġjariżmu mhuwiex tollerat u jekk jinqabad f'xi evalwazzjoni, tista' tittieħed aktar azzjoni minn Jobsplus.

### 6.2.2 Qerq jew ikkopjar matul l-evalwazzjoni

Kwalunkwe suspett jew ikkupjar matul l-evalwazzjoni ikun irrapportat mill-invigilator lill-Koordinatur tat-Taħriġ, li jiġbed l-attenzjoni tal-Quality Assurance Unit. Meta jkun hemm suspett ta' qerq, jew ikun evidenti li hemm qerq matul l-evalwazzjoni, l-istudent li jinqabad iqarraq ikun mitlub li jagħti lura l-evalwazzjoni u ma jgħaddix minnha. Jekk studenti jinqabdu jikkupjaw mingħand xulxin jew jinqabdu jippermettu lil studenti oħra biex jikkupjaw mill-karta ta' evalwazzjoni tagħhom, dawn l-istudenti jintalbu ma jkomplux bl-evalwazzjoni. Huma imbagħad ikunu informati li l-evalwazzjoni tagħhom kienet invalida u li ser ikunu mitluba li joqgħodu għall-evalwazzjoni f'data aktar tard. Jobsplus tista' tieħu azzjoni ulterjuri f'każi bħal dawn.

Jekk it-Trainer ma jindunax bi studenti li jkunu qed jikkopjaw iżda jekk waqt li jkun qed jeżamina l-karti tal-evalwazzjoni, jirriżulta li l-istudenti kienu kkopjaw, allura tittieħed azzjoni skond il-każ. Jekk xi student jinqabad jikkopja għat-tieni darba, jew fl-istess kors, jew f'xi kors/ijiet futur/i, l-istudent jiġi sospiż.

Il-plaġjariżmu jfisser li tagħmel tiegħek xogħol ta' ħaddieħor mingħajr il-kunsens tiegħu. Il-plaġjariżmu mhu aċċettat bl-ebda mod u huwa mqabbel ma' qerq fl-eżamijiet. Jekk plaġjariżmu matul evalwazzjoni (ikkupjar min-noti tal-kors jew websites) jinstab waqt l-eżami tal-karti tal-evalwazzjoni allura imbagħad tittieħed azzjoni skond il-każ. F'każi bħal dawn tintalab kjarifika mill-istudent. Jekk kjarifika bħal din tkun ikkunsidrata mhux aċċettabbli, allura l-istudent ikun irid jagħmel l-evalwazzjoni mill-ġdid.

### 6.3 Drittijiet intellettwali u ta'proprjetà

Jobsplus tirriżerva id-dritt tas-sjieda tal-materjali kollha (maħluqa mill-istaff ta' Jobsplus) użati matul l-għoti ta' korsijiet fiżiċi jew online. Ebda materjal ma jista' jiġi riprodott, imqassam jew irrekordjat elettronikament. Meta jintuża xi materjal ippreżentat matul il-lezzjoni, għandu jkun hemm referenza għall-awturi tiegħu.

## 7. Il-kondottta tal-Istudent

### 7.1 Mġiba

Hija mistennija mġiba matura u dixxiplinata fiż-żoni kollha tal-Kumpless ta' Taħriġ.  Huwa mistenni rispett xieraq għal oħrajn kif ukoll lejn l-istaff ta' Jobsplus. Persuna għandha timxi dejjem mal-proċeduri indikati f'dan id-dokument. Jobsplus għandha approċċ ta' tolleranza żero lejn il-vjolenza u l-fastidju f'kull forma tiegħu. F'każi fejn l-istudent iħossu li sofra diskriminazzjoni, għandu jiġi sottomess ilment kif spjegat f'aktar dettal fis-*Sezzjoni 8.5.*

#### 7.1.1 Bullying

Bullying fiżiku u psikoloġiku matul il-programmi ta' taħriġ mhux approvat bil-qawwi, huwa inaċċettabbli u jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Jobsplus tagħmel minn kollox biex tipprovdi ambjent li jagħti lill-istudenti kollha l-libertà li jitgħallmu mingħajr ma jkollhom abullying, intimidazzjoni, jew fastidju. Bullying jinkludi:

- Mġiba aggressiva lejn persuna jew persuni - inklużi Studenti, Trainers, staff jew klijenti/viżitaturi oħra fil-post tat-taħriġ
- Fastidju verbali/psikoloġiku ripetut
- Insulti personali u tgħajjir personali kostanti, inkluż f'komunikazzjonijiet permezz ta' imejl, media soċjali, jew l-ambjent ta' tagħlim virtwali
- Rimarki mhux kumplimentużi li aktarx jikkawżaw offiża serja
- Redikolaġni kostanti ta' persuna jew persuni minn persuna jew persuni oħra
- Intimidazzjoni jew theddid b'mod ġenerali

Kull min ikun suġġett għal mġiba bħal din, għandu jinforma immedjatament lit-Trainer tiegħu u/jew lill-Koordinatur ta' Taħriġ ta' Jobsplus.

#### 7.1.2 Fastidju Sesswali

Jobsplus għandha wkoll politiki għall-protezzjoni tal-Istudenti tagħha minn fastidju sesswali. Jobsplus tirrikonoxxi li l-fastidju sesswali huwa forma ta' diskriminazzjoni sesswali, li hija mfissra bħala mġiba mhux mixtieqa ta' natura sesswali, jew mġiba oħra bbażata fuq is-sess, li tolqot id-dinjità tan-nisa u l-irġiel. Dan jinkludi kull att jew mġiba inkluż kliem mitkellem, ġesti jew il-produzzjoni, wiri jew

ċirkulazzjoni ta' kliem miktub, stampi jew materjal ieħor li mhuwiex mixtieq u li jista' raġonevolment jitqies bħala offensiv, umiljanti, jew intimidattiv. Fl-eventwalità li dan ta' hawn iseħħ, l-Istudent, għandu jersaq b'mod kunfidenzjali lejn it-Trainer tiegħu/tagħha jew il-Koordinatur ta' Taħriġ.

Studenti li joffendu b'din il-manjiera jistgħu jitkeċċew mill-kors u tista' tittieħed azzjoni legali kontrihom.

### 7.1.3 Forom oħra ta' fastidju

Kondotta ħażina tista' tinkludi, iżda mhux limitata għal:

- Diskriminazzjoni kontra persuna oħra, inkluż l-użu ta' kliem diskriminatorju
- Ħsara lil jew serq ta' proprjetà mill-Istitut jew mingħand membri tal-istaff jew studenti
- Allegazzjonijiet bl-addoċċ jew malizzjużi kontra studenti, trainers jew staff oħra
- Nuqqas persistenti minn persuna biex twieġeb jew tikkonforma ma' sanzjonijiet dixxiplinari formali imposti skont il-proċeduri dixxiplinari jew politiki u proċeduri oħra ta' Jobsplus
- L-użu ta' alkoħol u drogi fuq il-post

L-istudenti għandhom jevitaw ukoll kwalunkwe referenza fil-komunikazzjoni tagħhom li tista' tkun ikkunsidrata bħala offensiva fuq il-bażi tal-aspetti msemmija fuq. Nuqqas li jsir dan jista' jirriżulta li Jobsplus tieħu azzjoni ulterjuri.

Jobsplus tiddisassoċja ruħha minn kwalunkwe argumenti ta' natura personali jew kunfidenzjali li jistgħu jinqalgħu bejn l-istudenti. Tittieħed azzjoni kontra l-importazzjoni ta' argumenti u kwistjonijiet bħal dawn matul ħin il-lezzjoni.

## 7.2 Kodiċi tal-Ilbies

L-ilbies u l-apparenza għandhom jikkumplimentaw l-imġiba tal-istudent. L-istudenti huma mistennija li jilbsu b'mod komdu u diċenti. Il-kodiċi tal-ilbies tipprojbixxi l-ilbies ta' dbielet jew qliezet qosra ħafna, tops skullati ħafna minn fuq jew ilbiesi qosra, ġkieket bla kmiem u flip-flops waqt il-programm ta' taħriġ. Ilbies trasparenti, l-istess, mhuwiex aċċettabbli.

L-istudenti li jattendu korsijiet tas-snajja huma mistennija li jilbsu tagħmir protettiv personali. It-Trainer jew l-impjegati ta' Jobsplus jistgħu jirriżervaw id-dritt li jwaqqfu studenti li ma jkunux liebsin tagħmir protettiv personali milli jidħlu fil-*workshop*.

Jintwera nuqqas ta' rispett lejn it-Trainers, l-Istudenti u l-impjegati ta' Jobsplus li persuna tibqa' bil-beritta/kappell jew nuċċalijiet tax-xemx fil-kamra tat-taħriġ/*workshop*.

Persuna għandha tilbes xieraq matul is-sessjonijiet online.

## 7.3 Ikel, Xorb u Tipjip

Il-konsum tal-ikel u xorb preferibbilment isir barra l-kmamar tal-lezzjonijiet jew ħwienet tax-xogħol. Għal raġunijiet ta' Saħħa u Sigurtà x-xorb huwa strettament ipprojbit fil-ħwienet tax-xogħol.

Jobsplus hija impenjata li tipprovdi ambjent san għall-istudenti kollha. It-tipjip huwa pprojbit fil-Kumpless tat-Taħriġ. Din il-politika tapplika anke għal sigaretti elettroniċi li huma pprojbiti kull fejn it-tipjip huwa pprojbit.

## 7.4 Iż-Żamma Ġenerali

L-istudenti huma responsabbli għaż-żamma tal-indafa u l-pulitezza fil-kmamar tal-lezzjonijiet, ħwienet tax-xogħol, u l-Kumpless tat-Taħriġ b'mod ġenerali. Dawn il-postijiet għandhom jinżammu nodfa u f'ordni biex ikun assigurat ambjent sigur, effiċjenti u pjaċevoli.

L-istudenti huma mistennija li jħallu s-siġġijiet u l-imwejjed f'lokhom, twieqi magħluqa, u t-tagħmir ta' taħriġ, dwal u l-airconditioners (ACs) mitfija qabel joħorġu mill-kamra jew mill-*workshop*.

## 7.5 Telf jew Ħsara lill-Proprjetà

Jobsplus ma taċċettax responsabbiltà għat-telf jew ħsara ta' proprjetà personali imġarrba mill-istudenti waqt li jsegwu programmi ta' taħriġ. Huwa rakkomandabbli li l-istudenti ma jġibux magħhom oġġetti ta' valur fil-post.

F'każ fejn huwa suspettat serq , Jobsplus tirriżerva d-dritt li ssejjaħ lill-pulizija biex jagħmlu tfittxijiet ta' rutina.

## 7.6 Mobiles

Il-mobiles għandhom jinżammu siekta matul ħin il-lezzjoni (inkluż matul il-korsijiet online) u għandhom jitwieġbu barra l-kamra tal-lezzjonijiet wara li jintalab permess mingħand it-Trainer. Telefonati għandhom isiru barra l-kamra matul il-waqfien jew qabel/wara s-sessjonijiet ta' taħriġ.  L-istudenti mhumiex permessi li jirrikordjaw is-sessjonijiet.

# 8. Drittijiet tal-istudenti

## 8.1 Eżami mill-ġdid u Reviżjoni tal-Karta

Jekk student ma jgħaddix mill-evalwazzjoni għax ma jġibx il-minimu ta' 45%, kien assenti matul l-evalwazzjoni jew inqabad tqarraq matul l-evalwazzjoni, jiġi offrut li jerġa jagħmel l-evalwazzjoni. L-istudent jingħata opportunitá ta' darba biex jerġa jagħmel l-evalwazzjoni tal-modulu rilevanti.

Studenti li ma jgħaddux mill-evalwazzjoni jistgħu jitolbu reviżjoni tal-karta fi żmien ħamest ijiem wara li jirċievu r-riżultat. It-talba għal reviżjoni tal-karta hija applikabbli biss f'dawk il-każi fejn l-istudent jikseb bejn it-30% u l-44% tal-marki totali tal-evalwazzjoni.

### 8.1.1 Verifika Interna tal-Karti ta' Evalwazzjoni

Il-proċess tal-Verifika Interna tal-Karti ta' Evalwazzjoni jassigura konsistenza fost l-istudenti u ġustizzja fl-allokazzjoni tal-marki. Il-Quality Assurance Unit tieħu kampjuni tal-karti ta' evalwazzjoni biex tkun żgura li tali evalwazzjonijiet kienu ġew ikkorreġuti b'ġustizzja. Jekk jinstabu xi diskrepanzi, allura l-karti kollha ta' evalwazzjoni jiġu ċċekkjati. F'każi bħal dawn it-Trainer jiġi nfurmat, u jintalab spjegazzjoni. Jekk ikunu meħtieġ, l-marka tal-evalwazzjoni miksuba tista' tiġi riveduta kif xieraq.

## 8.2 Ċertifikazzjoni, Progress fil-Kors u Skemi disponibbli

Wara kull kors, dment li l-istudent jattendi mill-anqas 80% tal-kors u jgħaddi mill-evalwazzjoni ta' kull modulu, jingħata **<u>Certificate of Achievement</u>**. Dawk li jattendu mill-anqas 80% tal-kors iżda ma jgħaddux minn modulu jew aktar, jingħataw **<u>Certificate of Attendance</u>**.

Għal korsijiet fit-tul, meta l-istudent ma jkunx seta' jattendi 80%, minħabba ċirkustanzi ġustifikati, l-istudent jista' jingħata l-possibbiltà li jingħaqad ma' grupp ieħor. Ċirkustanzi ġustifikati għandhom ikunu spjegati bil-miktub (jew b'e-mail) lill-koordinatur tal-kors waqt il-kors u akkumpanjat minn evidenza dokumentata li turi li s-sitwazzjoni ma kinitx prevista u ma setgħetx tkun evitata. Eżempji ta' sitwazzjonijiet bħal dawn jinkludu mard, mewt, u seduti tal-qorti, fost oħrajn.

Wara li jtemmu xi korsijiet, l-istudenti jistgħu jagħżlu li jkomplu jwessgħu l-kompetenzi tagħhom billi jsegwu kors aktar avvanzat. Għalkemm dan mhuwiex possibbli għall-korsijiet kollha, xi korsijiet bħal dawk tal-Accounting, ICDL, korsijiet ta' Litteriżmu u korsijiet tas-Snajja joffru din il-possibbiltà.

Persuni inattivi jew qegħda jistgħu jagħżlu li jipparteċipaw f'diversi skemi li jistgħu jgħinu lill-individwu jikseb post tax-xogħol. Għal aktar tagħrif dwar skemi bħal dawn, l-istudent jista' jibgħat imejl lil trainingschemes.jobsplus@gov.mt, u anke jaċċessa tagħrif bħal dan mill-website ta' Jobsplus: https://jobsplus.gov.mt/schemes-jobseekers.

Individwi impjegati jew qegħda li jixtiequ jsegwu xi kors, li mhuwiex offrut minn Jobsplus jistgħu jibbenefikaw minn skema, li tippermettilhom li jiksbu fondi biex javvanzaw fl-istudji tagħhom ma' istituzzjonijiet oħra. Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mill-website ta' Jobsplus:

https://jobsplus.gov.mt/schemes-jobseekers/training-pays-scheme, jew billi jibagħtu imejl lil tps.jobsplus@gov.mt.

## 8.3 Kummenti u Evalwazzjoni

Jobsplus tilqa' kwalunkwe suġġeriment minn studenti bil-għan li jitjieb il-programm ta' taħriġ innifsu, l-għoti tal-kors jew anke l-evalwazzjoni. L-istudenti huma inkorraġġiti li jimlew il-formola tal-kummenti li hija pprovduta lil kull student fi tmiem il-kors/modulu. Għal korsijiet online, l-istudenti tintbagħtilhom formola bħal din permezz tal-Google Forms.

Ladarba il-Quality Assurance Unit tirċievi dawn il-formoli tevalwahom u tindika oqsma għal titjib. Dan il-proċess huwa importanti ħafna għal Jobsplus għax jippermetti li l-korsijiet tagħna jibqgħu rilevanti għall-ħtiġijiet tal-istudenti.

Jobsplus titlob ukoll reazzjoni minn klijenti li jkunu rreġistraw għal kors iżda jew ma marrux jew bdew il-kors u ma komplewhx. Reazzjoni bħal din hija importanti għax tista' tagħti fehim ċar tal-ħtiġijiet tal-klijenti u tgħin lil Jobsplus ittejjeb is-servizz tagħha.

## 8.4 Protezzjoni tad-Data

Jobsplus timpenja ruħha sabiex iżżomm id-dokumentazzjoni dwar l-istudenti bl-eżattezza, siguri u b'mod opportun, skont l-Att dwar il-Politika dwar id-Data u b'tali mod li huma jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-GDPR. Jobsplus tikseb dettalji relatati mal-klijenti tagħha meta klijenti bħal dawn jew jirreġistraw għal impjieg jew japplikaw għal xi kors. Dokumentazzjonijiet bħal din jinżammu aġġornati kemm jista' jkun possibbli. Għal korsijiet online, wara li jingħaqad mas-sessjoni, l-istudent ikun qed jagħti l-kunsens tiegħu lil Jobsplus sabiex tiġbor, tiddokumenta u tipproċessa data personali b'mod ġust u legali.

Jobsplus iżżomm id-dritt li tipproċessa kwalunkwe data personali skont l-Att tal-2018 dwar il-Protezzjoni tad-Data u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data. Data bħal din ma tinkixifx lil partijiet terzi kemm-il darba id-data mhijiex meħtieġa bil-għan li tipprovdi il-klijent b'impjieg u servizzi ta' taħriġ skont l-obbligi ta' Jobsplus skont l-Att XXVIII tal-1990 dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ, jew tkun meħtieġa skont kwalunkwe liġi speċifika oħra.

Il-klijent iżomm id-dritt li jaċċessa d-data personali tiegħu/tagħha kif ipproċessata minn Jobsplus. Il-klijent huwa mitlub li jipprovdi data korretta u jinforma lil Jobsplus jekk xi ħaġa minn din id-data tinbidel. Il-klijent iżomm id-dritt li jaċċessa, jibdel u jħassar, fejn applikabbli, t-tagħrif li jikkonċernah/a.

## 8.5 Ilmenti

Jobsplus hija impenjata li tipprovdi esperjenza edukattiva ta' kwalità għolja, sostnuta minn servizzi ta' appoġġ akkademiku u amministrattiv eċċellenti. Minkejja dan, Jobsplus tirrikonoxxi li kultant jinqalgħu

xi problemi, u l-istudenti jistgħu jixtiequ jesprimu t-tħassib u n-nuqqas ta' sodisfazzjon. Meta jinqalgħu każi bħal dawn, Jobsplus tinkoraġġixxi lill-istudenti sabiex iressqu ilmenti bħal dawn u tassigura lill-istudenti tagħha li ma jkunux b'xi mod żvantaġġati għax jiġbdulha l-attenzjoni dwar dan it-tħassib. L-ilmenti għandhom ikunu relatati speċifikament lil wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

- Nuqqas minn Jobsplus li tissodisfa l-obbligi
- Tagħrif li jiżvija jew mhux korrett fil-website ta' Jobsplus u kwalunkwe tagħrif ieħor ipprovdut minn Jobsplus
- Tħassib jew kwistjonijiet relatati mal-għoti ta' programm, it-tagħlim, sorveljenza u/jew amministrazzjoni
- Kwalità fqira ta' faċilitrajiet, riżorsi ta' tagħlim jew servizzi pprovduti direttament minn Jobsplus
- Ilmenti li jinvolvu organizzazzjonijiet jew kuntratturi oħra li jkunu qed jipprovdu servizz f'isem Jobsplus
- Ilmenti relatati ma' allegazzjonijiet ta' diskriminazzjoni, bullying, fastidju jew vittimizzazzjoni minn membri tal-istaff jew studenti oħra.

Ilmenti bħal dawn jistgħu ikunu sottomessi jew lill-Koordinatur tat-Taħriġ, bil-mili tal-Formola ta' Reazzjoni fi tmiem il-kors/modulu, jew anke b'imejl fuq jobsplus@gov.mt. Għal aktar tagħrif dwar kif timtela' l-proċedura ta' ilment, żur https://jobsplus.gov.mt/privacy-policy/complaints-procedure.

# 9. Saħħa u Sigurtà

Jobsplus hija impenjata li tipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati, trainers, studenti u viżitaturi tagħha u tassigura s-sigurtà tal-bini u l-faċilitajiet ta' Jobsplus. Jobsplus u l-impjegati tagħha għandhom josservaw u jiffaċilitaw iż-żamma mal-liġijiet, regolamenti, standards u politiki rilevanti u l-osservanza ta' prattiki b'saħħithom relatati mas-saħħa u s-sigurtà. Individwi għandhom jirrapportaw immedjatament kwalunkwe theddida jew riskju  għas-saħħa u s-sigurtà, kemm jekk tagħhom jew ta' oħrajn, u għandhom jieħdu passi raġonevoli biex jippromwovu s-sigurtà fiżika.

## 9.1 Nar

Biex ikun evitat nar kawżat minn ħsara elettrika li jseħħ fil-Kumpless ta' Taħriġ, it-trainers u l-istudenti huma mhegga li:

- Jaħżnu lill hinn kwalunkwe materjali kombustibbli minn sorsi ta' tqabbid
- Jitfu kull tagħmir tal-elettriku li huma jużaw matul is-sessjonijiet ta' taħriġ qabel joħorġu mill-kamra/*workshop*
- Jillimitaw l-użu ta' estensjoni ta' wajer elettriku għal minimu possibbli

Il-Kumpless ta' Taħriġ ta' Jobsplus huwa mgħammar b'apparat awtomatizzat li jintraċċa d-duħħan, sistema awtomatizzata tal-allarm u ċilindri għat-tifi tan-nar li jinżammu bl-idejn. Iċ-ċilindri huma  mpoġġija madwar  il-binja u mqiegħda skont il-klassi ta' nar antiċipat fiż-żona.

## 9.2 Pjan ta’ Evakwazzjoni ta’ Emerġenza

Huwa importanti li l-istudenti jiffamiljarizzaw irwieħhom mar-rotot ta’ evakwazzjoni u ħruġ ta’ emerġenza. L-istudenti li jeħtieġu għajnuna speċifika biex jevakwaw mill-binja għandhom jinformaw lill-koordinatur tal-kors meta jirreġistraw għal kors, sabiex jkunu jistgħu jsiru l-arranġamenti meħtieġa. Fl-eventwalità ta’ emerġenza maġġura meta tkun meħtieġa evakwazzjoni, l-istudenti għandhom:

- Imorru lejn l-eqreb Ħruġ ta’ Emerġenza b’mod ordnat
- Ma jużawx liftijiet
- Jgħinu lil min ikollu diffikultà li jevakwa mill-binja
- Jisimgħu għal kull struzzjonijiet mogħtija mit-Trainer jew impjegat ieħor responsabbli
- Jiltaqgħu fil-Post ta’ Laqgħa waqt Ħruq quddiem ir-Reception Ewlenija
- Jassiguraw li t-Trainer ikun rakom
- Jinnotifikaw lit-Trainer tagħhom dwar kull min ikun nieqes
- Jistennew struzzjonijiet dwar meta ikun sigur li jirritornaw lejn il-kamra tat-taħriġ

Fl-eventwalità ta’ emerġenza b’theddida għall-ħajja, l-istudenti għandhom:

- Iwarrbu lill-individwu minn kwalunkwe periklu tal-qrib,
- Jinformaw lir-reception immedjatament dwar in-natura u l-post tal-individwu midrub/ma jiflaħx,
- Jibqgħu mal-individwu sakemm tasal l-għajnuna medika.

## 9.3 L-Ewwel Għajnuna

Jobsplus tirrikonoxxi r-responsabbiltà tagħha u hija impenjata li tipprovdi faċilitajiet u servizzi tal-ewwel għajnuna lill-impjegati, studenti u viżitaturi skont ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni preżenti. Jobsplus tissodisfa l-obbligi tagħha billi:

- Tassigura li l-impjegati u l-istudenti jirċievu attenzjoni immedjata jekk ikorru jew jittieħdu morda minn fuq ix-xogħol, irrispettivament jekk il-korriment jew l-marda kienet ikkawżata mix-xogħol jew l-attivitajiet li jagħmlu.
- Tassigura li l-għoti tal-ewwel għajnuna huwa adegwat u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Dan ifisser li għandhom ikunu disponibbli dejjem tagħmir tal-ewwel għajnuna, faċilitajiet u staff, wara li jittieħed ħsieb tax-xejriet ta’ xogħol alternattivi, biex jew tingħata għajnuna medika lill-korruti jew issejjaħ ambulanza jew għajnuna professjonali.
- Tassigura li l-ħwienet tax-xogħol u l-klassijiet huma kollha mgħammra b’tagħmir tas-saħħa u s-sigurtà skont l-parametri leġiżlattiva dwar is-Saħħa, s-Sigurtà u l-Ambjent (HSE) applikabbli. Għandu jkun hemm kaxxa tal-ewwel għajnuna f’kull *workshop*.

Fil-każ ta’għajnuna, l-istudenti jistgħu jitolbu lill-istaff tas-sigurtà fiż-żona tar-reception jew jużaw waħda mill-kaxxi tal-ewwel għajnuna mxerrda mal-binjiet ta’ Jobsplus. Għalhekk, huwa importanti li l-istudenti jiffamiljarizzaw irwieħhom dwar fejn ikunu l-kaxxi tal-ewwel għajnuna.

## 9.4 Rapportar ta' Aċċident

L-aċċidenti serji kollha f'Jobsplus għandhom ikunu rraportati lill-istaff tas'sigurtà fiż-żona tar-reception jew b'telefonata għall-ambulance (112), skont is-severità tal-aċċident.

## 9.5 Makkinarju fil-ħwienet tax-xogħol

Qabel ma jużaw xi tagħmir ta' Jobsplus matul it-taħriġ tagħhom, l-istudenti għandhom jingħataw taħriġ u struzzjonijiet tajba. Kull student huwa responsabbli li jilbes it-Tagħmir Protettiv Personali xieraq u japplika l-aħjar prattiċi ta' xogħol meta juża makkinarju. It-trainer jagħti struzzjonijiet dwar l-Apparat ta' Protettiv Personali (PPE) u jintwera fit-tabelli mandatorji rilevanti ta' kull *workshop*. It-Trainer jirriżerva d-dritt li jwaqqaf studenti li ma jkunux liebsa l-PPS milli jidħlu fil-*workshop*.